# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

QORTI TAL-APPELL

IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Diċembru, 2018**

**Kawża Numru 27**
**Appell Numru 307/16SM**

Joseph u Vinċenza konjuġi **ATTARD**

vs

Mario u Antonia konjuġi **ATTARD**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-atturi Josph u Vinċenza miżżewġin Attard, u kif ukoll appell inċidentali mressaq mill-intimat Mario Attard, minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati appellati tal-"*lis alibi pendens*" ma' kawża oħra bejn l-istess partijiet, iżda xorta waħda ordnat is-sospensjoni tas-smigħ tal-kawża sakemm tingħata sentenza finali minn din il-Qorti fil-kawża l-oħra bejn il-partijiet;

2. Bl-azzjoni tagħhom quddiem dik il-Qorti, l-atturi appellanti talbu li, għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti (i) ssib u tiddikjara li l-irdim ta' materjal fuq il-linja medjana li tifred il-proprjetà okkupata mill-intimati minn mal-proprjetà konċessa lill-atturi b'titolu ta' enfitewsi temporanja qed isir

mill-konvenuti bi ksur tal-liġi u abbużivament, u li di piu' qiegħed jipperikola l-istabilità tal-linja konfinanti u tal-fond tal-atturi bi preġudizzju sia għall-inkolumità tal-persuni u sia tal-proprjetà innifisha, u li konsegwentement il-konvenuti huma responsabbli versu l-atturi għar-riżarċiment tad-danni mġarrbin mill-istess atturi; (ii) tikkundanna lill-konvenuti sabiex ma jibqgħux jordmu materjal mal-linja medjana li tifred il-proprjetà okkupata mill-konvenuti minn mal-proprjetà konċessa lill-atturi b'titolu ta' enfitewsi temporanja; (iii) tordna lill-konvenuti sabiex entro terminu qasir u perentorju minnha prefiss, u taħt is-sorveljanza ta' periti nominandi, iwettqu dawk ix-xogħlijiet kollha opportuni u neċessarji sabiex jitneħħa r-radam kollu mqiegħed mill-konvenuti fuq il-linja medjana li tifred il-proprjetà okkupata mill-konvenuti minn mal-proprjetà konċessa lill-atturi in enfitewsi b'tali mod li jkun permess lill-atturi li jqattgħu l-ġebel mill-proprjetà tagħhom mingħajr perikolu; (iv) issib u tiddikjara li l-konvenuti radmu materjal fil-proprjetà ta' l-atturi, u li b'konsegwenza ta' dan, l-atturi qed iġarrbu danni li għalihom jaħtu l-istess konvenuti; (v) tordna lill-konvenuti sabiex ineħħu r-radam minnhom mormi fil-proprjetà ta' l-atturi u kif ukoll adjaċenti mal-linja medjana, u dan entro terminu qasir u perentorju lilhom prefiss, u dan taħt is-sorveljanza ta' periti nominandi; (vi) tawtorizża lill-atturi sabiex, f'każ li l-konvenuti jonqsu milli jwettqu dak ordnat lilhom minn dik il-Qorti entro t-terminu lilhom prefiss, iwettqu huma stess dak ordnat taħt is-sorveljanza ta' periti nominandi u bl-ispejjeż a karigu tal-konvenuti solidalment; (vii) tillikwida d-danni mġarrbin mill-atturi, jekk meħtieġ bil-ħidma ta' periti nominandi; u (viii) tikkundanna lill-konvenuti solidalment iħallsu d-danni hekk likwidati lill-atturi;

3. L-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimati[1] appellati u li dwarha ngħata l-imsemmi provvediment kienet tgħid hekk: "*Illi l-pretensjonijiet avvanzati mill-istess rikorrenti fil-konfront tal-istess intimati fil-kawża fl-istess ismijiet, Rikors Ġuramentat Numru 48/2010AE, liema kawża ġiet deċiża fis-7 ta' Lulju, 2014; f'dik il-kawża, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti dwar l-irdim in kwistjoni ġew miċħuda, u ġie intavolat appell inċidentali min-naħa tar-rikorrenti proprju fuq dan il-punt; għalhekk qed tingħata umilment l-eċċezzjoni tal-'lis alibi pendens', billi l-mertu ta' din il-kawża tifforma parti mill-mertu ta' l-appell li jinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell u qed issir formali riżerva li titressaq l-eċċezzjoni tar-'res judicata' hekk kif jintemmu tali proċeduri*";

4. Illi l-ewwel Qorti waslet għall-fehma tagħha fil-provvediment appellat billi qalet hekk:

[1] Kull wieħed u waħda mill-intimati appellati ressqu Tweġiba Maħlufa għal rashom, imma ż-żewġ atti huma l-istess kelma b'kelma

*"5. Rat id-digriet tagħha datat il-15 ta' Ġunju, 2016, li permezz tiegħu, wara talba appożita tal-abbli rappreżentanti legali tal-partijiet, tawtorizża lill-istess biex jindirizzaw l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati rispettivament u għaldaqstant ordnat ukoll il-kapovolġiment tal-provi fir-rigward (ara foll 33);*

*"6. Rat id-digriet tagħha datat il-15 ta' Ġunju, 2016, li permezz tiegħu, wara talba appożita tal-abbli rappreżentant legali tal-partijiet awtorizżat lill-istess biex jittrattaw l-ewwel eċċezzjoni preliminari bil-modalità u fit-termini hemm indikati (ara foll 121);*

*"7. Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati fir-rigward, datata t-23 ta' Frar, 2017 (ara foll 122), flimkien ma' dik tar-rikorrenti datata l-21 ta' Marzu, 2017 (ara foll 126);*

*"8. Rat il-verbal datat is-6 ta' April, 2017, li permezz tiegħu l-abbli rappreżentant legali tal-partijiet iddikjaraw li kienu qed jistrieħu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet minnhom ippreżentati, (ara foll 135);*

*"Ikkunsidrat:*

*"9. Illi in vista tad-digriet dta il-15 ta' Ġunju, 2016, (ara foll 33), din hi deċiżjoni ta' natura preliminari intiża biex tiġi epurata l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimati (ara rispettivament foll 25 u 27);*

*"10.0 Illi sintetikament, permezz tal-istess, l-intimati qegħdin isostnu s-segwenti:*
*"10.1 Illi t-talbiet tar-rikorrenti ġià ġew avvanzati mill-istess f'kawża oħra fl-istess ismijiet u ġġib in-numru Rikors 48/2010;*
*"10.2 Illi l-kawża indikata fil-paragrafu preċedenti kien et deċiża fis-7 ta' Lulju, 2014;*
*"10.3 Illi permezz tal-istess il-pretensjonijiet tar-rikorrenti kienu ġew respinti;*
*"10.4 Illi konsegwentement l-istess sentenza ġiet appellata;*
*"10.5 Illi għalhekk qed tiġi sollevata l-eċċezzjoni tal-'lis alibi pendens' stante li l-meritu tal-kawża preżenti hu wkoll il-mertu tal-appell;*
*"10.6 Illi qed tiġi riservata l-possibilità li titressaq l-eċċezzjoni tar-'res judicata' jekk ikun il-każ;*

*"Ikkunsidrat:*

*"11.0 Illi l-istitut tal-'lis alibi pendens' jew tal-konnessjoni ta' kawża ma' oħra hu regolat mill-artikli 792 sa 794 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li sintetikament jistabbilixxi s-segwenti fir-rigward:*
*"11.1 Illi f'każ fejn kawża tiġi mressqa wara li kawża oħra fuq l-istess oġġett tkun ġiet imressqa quddiem qorti kompetenti oħra, dik tal-aħħar tista' tiġi mibgħuta lill-qorti l-oħra;*
*"11.2 Illi f'każ li bejn il-multipliċità ta' kawżi jkun hemm konnessjoni fis-suġġett, il-qorti tista' tordna li dawn il-kawżi jinstemgħu flimkien;*
*"11.3 Illi l-istes jista' jsir kemm-il darba deċiżjoni ta' waħda tkun tista' tolqot id-deċiżjoni fil-kawża l-oħra;*

*“11.4 Illi l-kawżi mismugħin flimkien in prim’istanza jistgħu jinstemgħu hekk ukoll fl-appell;*
*“11.5 Illi kemm in prim’ istanza kif ukoll fl-appell, dejjem għandha tingħata sentenza separata u debitament motivata jew kontenuti referenza għall-motivi ta’ sentenza waħda fost dik il-molteplićità;*
*“11.6 Illi l-eċċezzjoni in diżamina tista’ tingħata f’kull żmien;*

*“12 Illi għandu jkun paċifiku li r-ratio legis wara tali proċedura hi li meta jirriżulta li hemm żewġ kawżi quddiem qrati kompetenti differenti, l-proċeduri in diżamina jkunu jistgħu jitmexxew flimkien minn qorti waħda;*

*“13 Illi pero’ qabel dan ikun jista’ jseħħ ikun jinħtieġ li jkun assigurat li jkun hemm identità;*
*“13.1 tal-partijiet;*
*“13.2 tas-suġġett in diżamina; u*
*“13.3 tad-domandi;*

*“14 Illi jekk id-domandi in diżamina jkunu magħqudin m’oħrajn f’kawża minnhom, allura l-identità prospettata tkun imħassra;*

*“15 Illi kemm-il darba l-identità fuq riferita tkun assikurata, allura tali talba għandha tiġi akkolta, u għalhekk, għandha tiġi akkolta wkoll anke t-talba għas-soprasessjoni stante li l-kawżi jkunu jiddependu mill-eżitu ta’ xulxin;*

*“Ikkunsidrat:*

*“16 Illi jiġi immedjatament ribadit li r-rimedju ta’ soprasessjoni hu wieħed ta’ natura straordinarja;*

*“17 Illi in effett tali rimedju hu wkoll eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstema’ sakemm tiġi deċiża kif stabbilit fl-artiklu 195(1) tal-Kap 12 fuq riferit;*

*“18.0 Illi għalhekk ir-rimedju in diżamina hu wieħed li għandu jiġi utilizżat b’ċirkospezzjoni u biss:*
*“18.1 Jekk jissodisfa r-rekwiżiti fuq elenkati; u*
*“18.2 Fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja;*

*“Ikkunsidrat:*

*“19. Illi minn eżami tad-dokumenti in atti jirriżulta sintetikament is-segwenti:*
*“19.1 Illi r-rikorrenti odjerni ġà intavolaw kawża fil-konfront tal-intimati, Rikors Numru 48/10, (ara foll 35);*
*“19.2 Illi l-istess rikors ġie deċiż fis-7 ta’ Lulju, 2014, (ara foll 65);*
*“19.3 Illi l-istess hi pendenti l-appell, (ara foll 74);*

*“Ikkunsidrat:*

*“20 Illi in vista tar-riżultanzi suesposti ser issa jiġu eżaminati r-rekwiżiti in diżamina biex jiġi stabbilit jekk il-‘lis alibi pendens’ rikjamata mill-intimati effettivament teżistix;*

*“Ikkunsidrat:*

*“21 Illi fir-rigward tal-**Partijiet** fiż-żewġ proċeduri in diżamina jirriżulta assodat li l-partijiet fiż-żewġ proċeduri huma identiċi;*

*“22.0 Illi fir-rigward tal-**Mertu** fiż-żewġ proċeduri in diżamina jirriżulta s-segwenti:*
*“22.1 Illi fil-kawża anteċedenti għal dik odjerna jirriżulta s-segwenti:*
*“22.1.1 Illi tirrigwarda talba għal dikjarazzjoni li r-rikorrenti għandu kirja/qbiela tal-barriera de quo;*
*“22.1.2. Illi jitolbu dikjarazzjoni li l-intimati m’għandhom l-ebda titolu fuq l-art;*
*“22.1.3 Illi l-intimati jiġu inibiti milli jimmolestaw lir-rikorrenti;*
*“22.1.4 Illi l-intimati qed jikkawżaw danni lir-rikorrenti, inkluża t-talba għal-likwidazzjoni u ħlas tal-istess;*

*“23 Illi fil-proċedura odjerna r-rikorrenti qegħdin ukoll jitolbu danni mingħand l-intimati, iżda din id-darba minħabba r-radam allegatament mitfugħ mill-intimati fil-barriera tar-rikorrenti;*

*“24 Illi fis-sentenza preċitata tagħha datata s-7 ta’ Lulju, 2014, (ara foll 65), l-istess qorti odjerna diversament preseduta laqgħet xi talbiet tar-rikorrenti u rrespinġiet oħrajn;*

*“25 Illi fir-rigward tal-istess sentenza jirriżulta li l-intimati intavolaw appell, (ara foll 74), li għall-istess ir-rikorrenti intavolaw risposta, (ara foll 90), u appell inċidentali;*

*“Ikkunsidrat:*

*“26 Illi jiġi sottolineat li fir-rikors ġuramentat promotur Rikors Numru 48/10 datat it-8 ta’ Jannar, 2010, (ara foll 35), ir-rikorrenti m’għamlu l-ebda riferenza għall-irdim ta’ materjal daparti tal-intimati – għalkemm xorta qed jallegaw li soffrew id-danni;*

*“27 Illi d-danni hemm pretiżi mir-rikorrenti huma allura naxxenti mill-fatt li allegatament ma tħallewx jaħdmu il-barriera in diżamina – iżda dan, mhux minħabba tfigħ ta’ materjal li allegat fil-proċedura odjerna hawn in diżamina;*

*“28 Illi mid-dikjarazzjoni ġuramentata tar-rikorrentiippreżentata fil-proċedura l-oħra, (ara foll 63), jirriżulta li effettivament jagħmel referenza għat-tfiegħ ta’ terrapien u ġebel ħażin fil-barriera tiegħu mill-intimati, iħda dan it-tfiegħ ta’ terrapien u ġebel ħażin ma jirriżultax li kien il-mertu ta’ dik il-kawża bħal ma hu l-mertu ta’ din il-proċedura;*

*“29 Illi konsegwentement għandu jirriżulta paċifiku li l-mertu ta’ dawn iż-żewġ proċeduri in diżamina hu differenti minn xulxin;*

*“30 Illi għalhekk, stante li t-tieni kriterju rigwardanti l-mertu taż-żewġ kawżi in diżamina ma jirriżultax li hu l-istess, dan ir-rekwiżit statutorju ma jirriżultax li ġie debitament sodisfatt;*

*“31 Illi di piu’, kif stabbilit mill-**Prim’Awla tal-Qorti Ċivili** fil-kawża fl-ismijiet **Silvio Frendo et vs Rudolph Gatt et** datata t-**13 t’Awwissu, 2015,** ir-rekwiżiti in diżamina huma kumulattivi u konsegwentement, hu neċessarjament meħtieġ li jissussistu lkoll flimkien biex tkun tista’ tirnexxi d-difiża tal-‘lis alibi pendens’ in diżamina;*

*“31 Illi għalhekk, la dan ir-rekwiżit ma jirriżultax sodisfatt, mhux aktar meħtieġ li jiġu analiżżati l-kumplament tar-rekwiżiti in diżamina;*

*“33 Illi konsegwentement, in vista tal-premess, din l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati separatament, għalkemm kif diġà ribadit, b’mod identiku, din l-eċċezzjoni preliminari għandha tiġi respinta;*

*“Ikkunsidrat:*

*“34 Illi nonostante is-suespost, jiżdied jingħad pero’ li fil-kawża parallela ma’ dik odjerna – Rikors Numru 48/10 preżentement pendenti l-appell – tirrigwarda l-kwistjoni tat-titolu rispettiv tal-partijiet fuq il-kirja in diżamina;*

*“35 Illi għalhekk, l-istess Qorti tal-Appell għadha trid tistablixxi b’mod definitiv it-titolu rispettiv tal-kontendenti;*

*“36 Illi in effetti l-kawża odjerna hi ippernjata fuq l-eżitu tal-istess vertenza preżentement pendenti l-appell stante li hawn ir-rikorrenti jippremetti li l-intimati qegħdin abbużivament jordmu t-terrapien fil-linja medjana u/jew fil-proprjetà li huma jallegaw li hi tagħhom;*

*“Ikkunsidrat:*

*“37 Illi f’dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza tal-**Prim’Awla tal-Qorti Ċivili** fl-ismijiet **John Debono et vs Mario Buħaġiar et** datata l-**21 ta’ Jannar, 2016,** fejn ġie sottolineat is-segwenti fir-rigward:*

*“Għal bosta snin, il-qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta’ smigħ ta’ kawża biex tistenna l-eżitu ta’ kawża oħra li diġà tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta’ xi punt li minnu bilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf.”;*

*“Ikkunsidrat:*

*“38 Illi stante li fil-proċedura preżentement fl-istadju tal-appell ser jiġi determinat b’awtorevolezza t-titolu rispettiv tal-kontendenti fuq il-barrieri n kawża, tali deċiżjoni ser tiddetermina wkoll it-talbiet intavolati fil-proċedura preżenti;*

*"Ikkunsidrat:*

*"39.0 Illi in vista tas-suespost din il-qorti hija sodisfatta li l-intimati ma rnexxilhomx jippruvaw l-ewwel eċċezzjoni preliminari minnhom intavolata separatament, u konsegwentment:*

*"**DECIDE:***

*"39.1 Tirrespinġi l-istess eċċezzjoni preliminari tal-intimati rigwardanti il-'lis alibi pendens' minnhom sottomessa;*
*"39.2 Tordna pero' għar-raġunijiet fuq esposti, is-soprasessjoni tal-proċedura odjerna pendenti l-eżitu finali tal-kawża pendenti l-Qorti tal-Appell, Rikors Numru 48/10;*
*"39.3 Tiddiferixxi għalhekk il-kawża odjerna sine die, riappuntabbli ai termin tal-artiklu 964(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara talba appożita minn waħda mill-partijiet fi żmien perentorju ta' ħmistax-il ġurnata mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell in diżamina;*
*"39.4 Tirriżerva l-ispejjeż għall-fażi finali meta jiġi epurat il-meritu tal-proċedura*";

5. Fil-11 ta' Ottubru, 2017[2], l-atturi ressqu rikors quddiem l-ewwel Qorti għall-finijiet tal-artikolu 231 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, biex jitolbu lil dik il-Qorti tħallihom iressqu appell mill-imsemmi provvediment għal quddiem din il-Qorti;

6. F'kull każ, l-atturi appellaw mill-imsemmi provvediment b'rikors imressaq minnhom fit-23 ta' Ottubru, 2017, u fih u għar-raġunjiet hemm imfssra talbu li din il-Qorti (i) tannulla, tħassar u tirrevoka l-provvediment imsemmi u tordna li l-atti jiġu rinvijati lil dik il-Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża; jew, alternattivament u sussidjarjament, (ii) billi tvarja, tbiddel u tirriforma l-istess provvediment billi tikkonfermah fejn ma ntlaqgħetx l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u minflok tordna li l-kawża tkompli tinstema' wara li terġa' tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti;

7. B'degriet mogħti waqt is-smigħ tal-14 ta' Novembru, 2017[3], l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-atturi biex jappellaw mill-imsemmi provvediment;

8. Għalhekk, fl-20 ta' Novembru, 2017, l-atturi ressqu rikors ieħor ta' appell bl-istess aggravji u bl-istess talbiet bħal dawk li saru minnhom fir-rikors tagħhom tat-23 ta' Ottubru, 2017;

---

[2] Paġ. 148 tal-proċess
[3] Paġ. 151 tal-proċess

9. Min-naħa tiegħu, l-intimat appellat Mario Attard ressaq Risposta tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qal li għalkemm ma jistax jaqbel la mal-parti deċiżiva u lanqas mar-raġunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti tipprovdi kif ipprovdiet fil-provvediment mogħti, l-appell tal-atturi ma kienx jistħoqqlu jintlaqa' u li kien appell irritwali u kif ukoll fieragħ u vessatorju;

10. L-istess Mario Attard ressaq ukoll appell inċdentali li fih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar, tannulla u tirrexxindi s-sentenza mogħtija billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu u ssib il-litispendenza b'rabta mal-kawża (Rik. Nru. 48/10AE) fl-istess ismijiet u dan bla ħsara għall-provvediment ta' soprasessjoni mogħti fl-istess sentenza appellata sakemm jinqata' l-appell fil-kawża l-oħra;

11. L-intimata appellata Antonia Attard ma ressqitx Tweġiba għar-Rikors tal-Appell tal-atturi appellanti u lanqas appell inċidentali;

12. Fis-16 ta' Lulju, 2018, l-atturi appellanti ressqu Tweġiba għall-appell inċidentali tal-appellat Mario Attard li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, qalu li l-appell inċidentali ma jmissux jintlaqa';

13. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

14. Rat l-atti kollha tal-kawża;

15. Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Ottubru, 2018, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

16. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li r-raġuni li wasslet lill-atturi appellanti jressqu żewġ Rikorsi tal-Appell ġejja mill-fatt li, skond huma, mhuwiex ċar jekk il-provvediment appellat huwiex degriet interlokutorju jew sentenza *in parte*. Għalhekk, biex iserrħu moħħhom li jimxu skond il-liġi, għażlu li jħarsu kemm id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 229 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (f'każ li l-provvediment kien degriet interlokutorju) u kif ukoll skond l-artikolu 231 tal-istess Kodiċi (f'każ li l-provvediment jitqies li huwa sentenza *in parte*);

17. Illi din il-Qorti tagħraf li l-provvediment appellat ingħata biex jindirizza eċċezzjoni preliminari. Dak il-provvediment ta deċiżjoni dwar dik l-eċċezzjoni. Madankollu, l-istess provvediment għandu fih ukoll dispożizzjoni dwar il-mixi 'l quddiem tal-kawża li, sa ċertu punt, ma kienx jagħmel parti mill-eċċezzjoni preliminari mqajma mill-intimati;

18. Illi m'hemmx dubju li d-distinzjoni fil-liġi bejn degriet u sentenza għadha tiswa sallum il-ġurnata[4]. Minbarra l-għażla tradizzjonali bejn degrieti interlokutorji u dawk kamerali, il-provvedimenti li għandhom min-natura ta' degriet jintgħarfu minn dawk li jikkostitwixxu sentenza prinċipalment minn jekk jagħlqux jew le l-kwestjoni li dwarha dak il-provvediment ikun ingħata. Huwa maqbul b'awtorità li jekk deċiżjoni tagħlaq il-kwestjoni din tkun sentenza; jekk, min-naħa l-oħra, din tipprovdi biss dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kwestjoni, allura titqies bħala degriet[5]. Kif ingħad b'awtorità[6] wkoll, dak li jikkostitwixxi sentenza huwa d-definittività tagħha (fis-sens ta' *quando terminat negotium de quo agitur*), u tista' tkun ta' żewġ għamliet: jew li taqta' l-meritu tal-kwestjoni, jew li teħles lill-parti mħarrka milli tibqa' fil-kawża. Min-naħa l-oħra, d-degrieti ma jtemmux il-kwestjoni u jingħataw matul is-smigħ tal-atti bis-soluzzjoni ta' kwestjonijiet anċillari. L-iżjed karatteristika ewlenija fid-degriet hija li ma jikkostitwix ġudikat għall-qorti li tkun tatu[7], għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ f'sentenza[8]. Kien ukoll meqjus li, ġeneralment, meta f'provvediment il-Qorti tirriżerva l-kap tal-ispejjeż għal stadju ieħor, dan ikun sinjal ċar li dak il-provvediment ikun degriet u mhux sentenza[9]. Minbarra dan, il-fatt li l-provvediment huwa motivat ma jibdlux b'daqshekk f'sentenza: l-ebda parti tal-liġi ma tgħid li degriet ma jibqax tali jekk titniżżel fih ir-raġuni għaliex il-Qorti tkun waslet għal dik il-fehma tagħha. Min-naħa l-oħra, dak li jiswa mhijiex l-għamla jew id-dettal tal-provvediment daqskemm in-natura tad-dispożittiv tiegħu;

19. Fil-liġi proċedurali tagħna, id-deċiżjonijiet li jingħataw minn qorti dwar eċċezzjonijiet li jitqajmu mill-part mħarrka huma sentenzi. Dan joħroġ mill-kliem tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi[10]. Jgħodd ukoll għall-eċċezzjoni tal-"*lis alibi pendens*"[11] li hija meqjusa bħala waħda

---

[4] Ara, b'eżempju, App. Inf. PS **10.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Francis Portanier noe et vs George Micallef*** fejn l-appellanti wkoll, bħal fil-każ tallum, ressqu żewġ rikorsi ta' appell l-istess bħal xulxin
[5] Ara Prof. Caruana Notes on Civil Procedure paġ. 1419; Mattirolo Diritto Giudiziario, Vol. IV, pp16-7; u Mortara Digesto Italiano Vol XXI (*voce " Sentenza Civile"*), paġġ. 450 ff.
[6] App. Ċiv. **29.4.1925** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs Borġ Olivier*** (Kollez. Vol: **XXVI.i.115**)
[7] Art. 230 tal-Kap 12
[8] App. Ċiv. **27.10.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Pace Axiak vs Caruana*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.582**)
[9] Ara art. 223(2) tal-Kap 12
[10] Artt. 730 u 732A tal-Kap 12
[11] Art. 794 tal-Kap 12

perentorja tal-ġudizzju, u tixxiebah (f'dak li għandu x'jaqsam mal-elementi kostitutivi tagħha) mal-eċċezzjoni tal-ġudikat[12];

20. Illi dan ifisser li l-provvediment li minnu appellaw l-atturi huwa min-natura ta' sentenza u, ladarba ma kienx provvediment li temm il-kawża miftuħa minnhom, għamlu tajjeb li talbu l-permess tal-Qorti li tatu biex jitħallew jappellaw minnu. U għamlu sewwa wkoll li, meta dik il-Qorti tathom il-permess li jappellaw, ressqu l-att opportun ta' appell fiż-żmien li jagħtihom l-artikolu 231 tal-Kapitolu 12, minkejja li kienu diġà ressqu rikors tal-Appell aktar qabel fit-terminu li l-liġi tagħti għal dawk il-provvedimenti (li huma degrieti interlokutorji) li jista' jsir appell minnhom bla ma jeħtieġ il-permess tal-Qorti li tkun tathom kif jgħid l-artikolu 229(2) tal-istess Kodiċi;

21. Min-naħa l-oħra, kif ingħad, il-provvediment appellat fih ukoll ordni ta' xejra interlokutorja lil hinn mill-eċċezzjoni li qatgħet dwarha. F'dan il-każ, dak l-ordni (l-ordni ta' soprasessjoni) huwa min-natura ta' degriet minħabba li l-Qorti li tatu tista' hija stess terġa' lura minnu, kif fil-fatt l-ewwel Qorti fl-istess provvediment qalet li kellu jsir. Minn din il-parti tal-provvediment l-atturi appellanti ħassewhom aggravati u ressqu appell, lil hinn minn dak li l-ewwel Qorti kellha xi tgħid dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-litispendenza;

22. Illi dan ifisser li l-ewwel appell imressaq mill-atturi wkoll sar tajjeb u skond ma trid il-liġi;

23. Minħabba li ż-żewġ atti jgħidu l-istess ħaġa il-Qorti sejra tqishom flimkien;

24. L-erba' aggravji tal-atturi dwar il-provvediment mogħti mill-ewwel Qorti huma (a) li l-provvediment ma jiswiex għaliex huwa sentenza u degriet flimkien u mhuwiex mogħti fil-liġi li dan jista' jsir; (b) li s-sentenza ma tiswiex għaliex l-ewwel Qorti, minn rajha, qajmet u iddeċidiet dwar is-soprasessjoni, li hija eċċezzjoni li l-ebda waħda mill-partijiet ma kienet qajmet u li dwarha ma saritx trattazzjoni; (ċ) li l-ewwel Qorti sabet ħażin meta qalet li l-eżitu ta' din il-kawża (minn issa 'l hemm imsejħa "it-tieni kawża") jiddependi mill-eżitu tal-kawża l-oħra (minn issa 'l hemm imsejħa "l-ewwel kawża"), għaliex dan ma huwiex minnu; u (d) li l-provvediment sar bi ksur tal-liġi meta l-ewwel Qorti qatgħetha li tħalli l-kawża *sine die* u tieqaf milli tkompli tisma' l-kawża sakemm tinqata' l-ewwel kawża, imma mbagħad tat biss żmien ta' ħmistax-il (15) jum lil min mill-partijiet ried

[12] App. Ċiv. **12.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey vs Stellini pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.358**)

jerġa' jitlob ir-ri-appuntament tagħha, bi ksur taż-żmien imsemmi fl-artikolu 964(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

25. Iż-żewġ aggravji tal-intimat appellat fl-appell inċidentali tiegħu huma: (i) li l-ewwel Qorti sabet ħażin meta qalet li l-irdim fil-barriera metru tat-tieni kawża ma kienx il-mertu tal-irdim tal-ewwel kawża; u (ii) li r-raġuni li fuqha l-ewwel Qorti sabet li kellha tissoprasjedi kienet l-istess raġuni li għaliha hu kien qajjem l-eċċezzjoni tal-litispendenza: għalhekk kien jixraq li l-ewwel Qorti tilqa' l-eċċezzjoni preliminari jew li tagħżel is-soprasessjoni qabel ma tiddeċiedi l-istess eċċezzjoni preliminari. Bħala 'eċċezzjoni' l-intimat appellat qajjem ukoll is-siwi tal-appell imressaq mill-atturi appellanti fl-20 ta' Novembru, 2017, li sejjaħlu wkoll wieħed fieragħ u vessatorju, minħabba li jgħid li l-atturi appellanti qegħdin jappellaw minn sentenza li jaqblu ma' dak li iddeċidiet;

26. Illi l-Qorti tqis li din l-'eċċezzjoni' tal-appellat mhijiex tajba. Għar-raġunijiet li semmew qabel (ara par. 20 sa 22 *supra*), ladarba l-provvediment mogħti mill-ewwel Qorti kien sentenza u provvediment interlokutorju, l-atturi appellanti ma jistgħux jingħataw tort li mxew kif imxew, u jidher li, fil-biċċa l-kbira tagħhom, l-aggravji tagħhom huma indirizzati lejn il-provvediment tas-soprasessjoni. Min-naħa l-oħra, li kieku tassew minnu li l-appell imressaq mill-atturi appellanti fl-20 ta' Novembru, 2017, kien bla siwi, dan tabilfors kien iħalli effett fuq is-siwi tal-appell inċidentali tal-istess intimat appellat Mario Attard. Dan jingħad għaliex att ġudizzjarju (bħalma huwa l-appell inċidentali tal-intimat Mario Attard) magħmulin bis-saħħa ta' att null jew li ġejjin minn att null (l-appell tal-atturi), ikun ma jiswiex huwa wkoll[13]. Għalkemm huwa minnu, kif issottometta d-difensur tal-appellat, li appell inċidentali jżomm "ħajja awtonoma" minn appell prinċipali li ma jitkompliex[14], jibqa' dejjem meqjus li appell inċidentali jgħodd biss fejn ikun hemm appell prinċipali li jiswa u li d-dikjarazzjoni li wieħed jagħmel biex jgħid li jrid jappella inċidentalment[15] issir fl-atti tal-appell prinċipali;

27. Illi l-**ewwel aggravju tal-appellanti** jgħid li l-provvediment appellat ma jiswiex għaliex huwa sentenza u degriet fl-istess att. Huma jgħidu li l-provvediment ma jiswiex stante n-natura mista tiegħu u jqisu li huwa provvediment bla ebda siwi fil-liġi minħabba l-kwestjoni tal-appellabbilità li jaf joħloq u minħabba l-vinkolu ġuridiku ta' provvediment bħal dak;

---

[13] Art. 98 tal-Kap 12
[14] Art. 241 tal-Kap 12
[15] Art. 240(2) tal-Kap 12

28. Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li dan l-aggravju huwa tajjeb. Ir-raġunijiet magħrufa mil-liġi fejn parti f'kawża tista' tqajjem l-eċċezzjoni tan-nullità ta' sentenza huma tassattivi u ċirkoskritti fid-dispożizzjoni tal-liġi relattiva[16]. Ma hemm l-ebda dispożizzjoni oħra fil-liġi proċedurali li tgħid li provvediment ta' mogħti minn qorti jrid ikollu n-natura ta' sentenza biss jew in-natura ta' degriet biss. Iż-żewġ raġunijiet miġjuba 'l quddiem mill-appellanti għal dan l-aggravju tagħhom – jiġifieri li provvediment "mist" jaf joħloq problemi proċedurali għal min jixtieq jappella minnu u li provvediment bħal dak jorbot ukoll lill-Qorti li tkun tatu safejn dan ikun sentenza – ma jidhirx li ġabulhom ħsara għall-jedd tagħhom ta' smigħ xieraq. Dan jingħad għaliex, il-liġi tathom rimedju proċedurali għal kull waħda miż-żewġ għamliet ta' provvediment (tant li huma nqdew bihom it-tnejn). Jingħad hekk ukoll għaliex mhuwiex ta' barra minn hawn li parti li tagħmel mid-dispożittiv ta' sentenza tkun tista', fiċ-ċirkostsanzi partikolari tal-każ, titfisser aħjar[17] jew saħansitra titbiddel (bħalma jiġri meta f'sentenza l-Qorti tordna l-pubblikazzjoni ta' att nutarili f'jum, ħin, post u minn nutar pubbliku partikolari u dawn, għal xi raġuni, jistgħu jitbiddlu mill-istess Qorti li tkun tat is-sentenza fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet);

29. Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, ma teżisti l-ebda raġuni għaliex għandha tqis li l-provvediment appellat jmissu jitqies bla siwi u bla effett fuq ir-raġuni biss miġjuba 'l quddiem mill-atturi appellanti f'dan l-aggravju tagħhom, jiġifieri fuq il-fatt li jista' jkun sentenza u degriet fl-istess att;

30. Għalhekk, dan l-aggravju mhuwiex milqugħ;

31. B'rabta ma' dak li għadu kemm ingħad, din il-Qorti jidhrilha li issa jkun xieraq tittratta t-**tieni aggravju fl-appell prinċipali** flimkien mat-**tieni aggravju tal-appell inċidentali**, li t-tnejn li huma jmissu dik il-parti tal-provvediment appellat fejn, għalkemm l-ewwel Qorti ma kinitx laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-litispendenza, għaddiet biex ordnat is-soprasessjoni tat-tieni kawża sakemm jinqata' l-appell tal-ewwel kawża;

32. Filwaqt li l-atturi appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti qajmet minn rajha l-kwestjoni tas-soprasessjoni bla ma din kienet imqar tqajmet minn qabel minn xi waħda mill-partijiet, fl-appell inċidentali tiegħu l-intimat appellat jgħid li l-ewwel Qorti messha għażlet li tordna s-soprasessjoni bla ma tiddeċiedi l-eċċezzjoni preliminari, jekk ħasset li t-tieni kawża kellha tistenna l-eżitu tal-ewwel kawża;

---

[16] Art. 790 tal-Kap 12
[17] Art. 825 tal-Kap 12

33. Il-Qorti jidhrilha li l-aggravju tal-atturi huwa tajjeb. Fl-ewwel lok, minn qari tal-atti tal-kawża, joħroġ ċar li la l-intimati ma qajmu formalment l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni u wisq anqas l-atturi ma kien dehrilhom li t-tieni kawża kellha timxi 'l quddiem biss wara u skond ma jkun l-eżitu tal-ewwel kawża (li kieku kien hekk, ma kienx messhom fetħu t-tieni kawża). Fit-tieni lok, għalkemm ġieli jintrabtu ma' xulxin, l-eċċezzjoni tal-litispendenza u dik tas-soprasessjoni mhumiex l-istess ħaġa;

34. Huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigh fl-istess waqt taż-żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa[18], trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir[19]. L-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala *lis alibi pendens* u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;

35. Huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik[20]. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju[21] u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan. Tali provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata'[22]. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed "alejatorju"[23] li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom, jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġà tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-

---

[18] Art. 195(1) tal-Kap 12

[19] App. Ċiv.: **28.10.1935** fil-kawza fl-ismijiet ***Sir Ugo Mifsud noe vs Guido Abela et.*** (Kollez. Vol:**XXIX.i.1295**);

[20] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **23.6.1869** fil-kawża fl-ismijiet ***German et vs Scicluna et*** (Kollez. Vol: **V.157**); P.A. **23.1.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Żammit*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.197**) u App. Kumm.: **26.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttiġieġ et noe*** (mhix pubblikata)

[21] App. Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia et vs Beżżina et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.338**)

[22] App. Ċiv. **4.11.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona vs Pisani*** (Kollez. Vol: **XLI.i.547**)

[23] P.A. **23.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.83**)

soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf[24];

36. Fit-tielet lok, l-eċċezzjoni li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li espressament ordnat li ssir it-trattazzjoni tagħha qabel kull ħaġa oħra kienet l-eċċezzjoni tal-lis alibi pendens. Ma kien hemm l-ebda eċċezzjoni oħra li l-partijiet kellhom jitrattaw quddiem dik il-Qorti. Eċċezzjoni bħal dik hija waħda li tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża sas-sentenza[25], u l-Qorti, meta tingħatalha dik l-eċċezzjoni, għandha tiddeċidiha b'kap għaliha qabel tgħaddi biex tqis il-mertu proprju tal-kawża, iżda tista' tqis mill-mertu dak li jista' jolqot id-deċiżjoni tal-kwestjoni preliminari, bħalma jiġri fil-każ tal-eċċezzjonijiet ta' natura dilatorja[26]. L-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* kif imfissra fl-artikolu 792 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili hija maħsuba li tagħti s-setgħa lill-Qorti li tagħżel li, kawża mressqa quddiemha li l-mertu tagħha ("l-istess oġġett") qiegħed jinstama' diġà minn Qorti kompetenti oħra f'kawża mressqa qabilha, tgħaddi t-tieni kawża biex tinstama' minn dik il-Qorti l-oħra flimkien mal-ewwel kawża. L-għan ta' din l-eċċezzjoni ġie mfisser bħala dak li bih il-mertu ta' żewġ kawżi li huwa l-istess jinstama' fi proċess wieħed, b'mod li, jekk dik l-eċċezzjoni tintlaqa', tneħħi mill-Qorti li għandha quddiemha t-tieni kawża l-kompetenza li tkompli tismagħha;

37. Kien f'dan id-dawl li ngħad li għalkemm il-liġi tħalli għażla lill-Qorti jekk tgħaddix jew le t-tieni kawża lill-Qorti li qiegħda tisma' l-ewwel kawża fuq l-istess mertu, tali għażla mhux suppost tibqa' jekk kemm-il darba l-elementi tal-*litis pendentia* jseħħu u jiġu pruvati wara li tittella' eċċezzjoni bħal dik[27]. Jingħad li dan huwa, fil-qofol, dak li jagħraf lil din l-eċċezzjoni minn dik li tixxiebah magħha tal-konnessjoni tal-kawżi[28]. Minħabba f'hekk, din l-eċċezzjoni titqies bħala waħda perentorja tal-ġudizzju, u tixxiebah (f'dak li għandu x'jaqsam mal-elementi kostitutivi tagħha) mal-eċċezzjoni tal-ġudikat[29];

38. Minn dan kollu joħroġ li jekk kemm-il darba l-eċċezzjoni tal-litispendenza ma tintlaqax (bħalma ġara fil-każ tal-provvediment appellat fil-kawża tallum), il-Qorti li tiċħad dik l-eċċezzjoni trid tibqa' tisma' l-kawża

---

**24** P.A. **12.4.1962** fil-kawża fl-ismijiet *Azzopardi et vs Critien pro et* (Kollez. Vol: **XLVI.ii.591**) u App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet *Grima et vs Frendo et* (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.393**)
25 Art. 794(1) tal-Kap 12
26 Art. 729 tal-Kap 12
27 Cfr. Caruana Galizia Notes on Civil Procedure, paġ. 1304; Carre' Leggi di Procedura Vol II, §7826; P.A. **27.1.1873** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela et vs Galea*** (Kollez. Vol: **VI. 392**)
28 Art. 793 tal-Kap 12
29 App. Ċiv. **12.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey vs Stellini pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.358**)

u mhux twaqqafha, ladarba ma jkunx hemm raġunjiet tajbin biżżejjed biex it-tieni kawża titwaqqaf;

39. Fir-raba' lok, safejn l-"eċċezzjoni" tas-soprasessjoni titqies bħala eċċezjoni, riedet titqajjem minn xi waħda mill-partijiet u, ladarba ma hijiex waħda ta' ordni pubbliku, ma jmisshiex titqajjem minn Qorti minn rajha ("*ex officio*"). Dan jingħad lil hinn mill-fatt li llum il-liġi tgħid ċar u tond li Qorti ma għandhiex tagħti eċċezzjoni u sentenza dwarha bla ma qabel ikunu ngħataw lill-partijiet żmien u fakultà xierqa li jressqu l-provi u s-sottomissjonijiet tagħhom dwarha[30];

40. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunjiet, il-Qorti ssib li l-provvediment appellat jonqos b'mod mhux traskurabbli billi jista' jidher konradittorju. Ukoll kieku l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni preliminari, xorta waħda ma kinitx marbuta li tibgħat l-atti tat-tieni kawża lill-Qorti li qiegħda tisma' l-ewwel kawża (fil-fatt ma setgħetx, għaliex l-ewwel kawża tinsab quddiem din il-Qorti minħabba l-appell mis-sentenza tagħha fl-ewwel istanza)[31], għaliex il-liġi xorta tagħmilha diskrezzjonarja jekk il-Qorti għandhiex tagħmel hekk[32]. Ħareġ ċar ukoll li s-soprasessjoni ssemmiet u tħaddmet l-ewwel mill-ewwel Qorti fil-provvediment appellat, u l-partjiet ma kinux jistgħu jobsru x'kellha f'moħħha l-ewwel Qorti qabel ma għażlet li tissoprassjedi;

41. Huwa miżmum li meta Qorti tkun ħalliet il-kawża għal deċiżjoni fuq eċċezzjoni, ma jkunx sewwa li mbagħad tinvesti fl-istess sentenza ħwejjeġ oħra li ma tkun qatt issemmiet fid-degrieti jew verbali tal-kawża[33]. Nuqqas bħal dan mhuwiex wieħed merament formali, imma jolqot fis-sustanza s-siwi kollu tas-sentenza jew tal-provvediment li jkun ingħata[34], għaliex iqarreb lejn l-ultrapetizzjoni billi tkun ingħatat deċiżjoni fuq ħaġa li ma ntalbitx jew lanqas biss kienet eċċepita[35]. Lil hinn mill-kwestjoni dwar jekk il-provvediment appellat kienx ġust fis-sustanza tiegħu, in-nuqqas ta' siwi tiegħu minħabba f'din iċ-ċirkostanza jolqtu kollu u mhux biss dik il-parti minnu li l-partijiet stennew deċiżjoni dwaru[36]. Għalhekk, il-Qorti sejra tħassar dak il-provvediment appellat u tordna li t-tieni kawża titkompla fl-

---

30 Art. 732A tal-Kap 12

31 P.A. LSO **15.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Paolo Gatt et vs Fayton Falzon et*** (*in parte*, mhix appellata)

32 Art. 792 tal-Kap 12

33 App. Inf. PS **11.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Prof. Edward Mallia vs Universit****à ta' Malta*

34 App. Inf. PS **13.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Farruġia et vs Monica mart Giacchino Azzopardi et***

35 App. Inf. PS **13.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Melita Cable p.l.c. vs Awtorit****à ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni*

36 App. Inf. PS **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Vella et vs Bollicine Ltd et***

istess qagħda li kienet dakinhar li ngħata d-degriet tas-6 ta' April, 2017, meta tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari;

42. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tal-intimat appellat, ladarba l-ewwel Qorti tat deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-'*lis alibi pendens*' ma jiswiex wisq l-aggravju tiegħu ta' x'messha għamlet l-ewwel Qorti;

43. Illi għalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-tieni aggravju tal-atturi u tordna t-tħassir tal-provvediment appellat;

44. Ladarba din il-Qorti waslet għal din il-fehma, mhuwiex aktar meħtieġ li tgħaddi biex tqis l-aggravji l-oħrajn tal-partijiet;

***Decide:***

45. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-appell tal-atturi** u tħassar is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Ottubru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi u terġa' tibgħat l-atti lura lil dik il-Qorti biex il-kwestjoni terġa' titqies mill-ġdid;

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, kull parti tbati l-**ispejjeż tagħha** ta' dan l-appell.

**Joseph Azzopardi**
**Prim Imħallef**

**Joseph R. Micallef**
**Imħallef**

**Tonio Mallia**
**Imħallef**

**Deputat Reġistratur**
**mb**